# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2095

**Kaz Numru 2748**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Tug Malta Limited**

**u**

**Malta Dockers' Union**

**dwar nuqqas ta' ftehim dwar *manning levels* ta' vapuri operati mir-rikorrenti, liema *manning levels* huma konformi ma' prassi internazzjonali fl-industrija, kif ukoll man-normi mposti mill-Awtorita' Marittima.**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**
**Membri: Is-Sinjuri Joseph Farrugia**
**Paul Abela**

**Illum il-Hamis 14 ta' Lulju 2011**

1. **Riferenza**

   Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata 12 ta' Jannar 2010, riferenza MSP 2008/13 mibghuta mill-Ministru ghall-Politika Socjali.

2. **Termini ta' riferenza**

   It-termini ta' riferenza mibghuta minn Tug Malta Limited lill-Ministru ghall-Politika Socjali huma kif jidher hawn taht:

   "Premess illi l-partijiet jinsabu f'tilwima industrijali dwar *manning levels* ta' vapuri operati mir-rikorrenti, u dan wara li r-rikorrenti waslu fi ftehim dwar dan, kif jigi spjegat waqt is-smigh, mal-Union rikonoxxuta fiz-zmien materjali, liema ftehim hu kif jidher fl-anness Dok.A.
   Premess illi r-rikorrenti ottemporaw ruhhom ma' l-obbligi taghhom kif stabbiliti fil-ftehim in kwistjoni u allura ma hemm ebda raguni ghaliex is-sistema miftehma m'ghandiex tiddahhal fis-sehh.

Premess li meta r-rikorrenti ghaddew biex jaghtu effett lill-ftehim in kwistjoni l-Union intimata tat direttivi dwar azzjoni industrijali.

Premess li apparti l-ftehim imsemmi, il-*manning levels* li qeghdin jinsistu dwarhom ir-rikorrenti huma konformi ma' prassi internazzjonali fl-industrija kif ukoll man-normi imposti mill-Awtorita Marittima Maltija".

It-Tribunal Industrijali mitlub jiddeciedi illi;

1) Ir-rikorrenti ghandhom dritt iIlli jistabbilixxu *manning levels* skond il-ftehim milhuq.

2) Il-Union intimata ghandha tiddesisti milli tordna jew b'mod iehor tippromovi azzjonijiet industrijali.

Biex b'hekk tintemm din it-tilwima tax-xoghol.

**3. Rapprezentanza**

3.1 Tug Malta Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija rikorrenti, kienet irrapprezentata minn Raymond Miller u Mario Mizzi meghjuna mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

3.2 Il-Malta Dockers' Union, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-Union intimata, kienet irrapprezentata minn Karmenu Vella meghjun mill-Avukat Robert Abela.

**4. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Nhar is-16.07.07 il-kumpanija rikorrenti u t-Taqsima Marittima u Avjazzjoni tal-*General Workers' Union* ikkonkludew ftehim kollettiv li fost affarijiet ohra kien jinkludi Annex "D" bit-titlu *Crew's Working Conditions* u zewg *side letters;* wahda dwar hlas ta' *bonus* u l-ohra dwar il-mod kif setghu jitnaqqsu l-impiegi ta' l-impegati koperti bil-ftehim kollettiv li kienu jahdmu mal-kumpanija rikorrenti fid-data meta kien iffirmat il-ftehim kollettiv. Wara xi zmien ir-rikonoxximent trejdjunjonistiku nghata lill-Union intimata. Meta wasal iz-zmien biex ikun implimentat il-kontenut ta' Annex "D", il-Union intimata, f'isem l-impjegati, oggezzjonat ghat-tibdil fil-*manning levels* u tat direttivi industrijali kuntrarju ghal dak li hemm miktub f'Annex "D". F'dawn ic-cirkustanzi l-kumpanija rikorrenti rreferiet it-tilwima lill-Ministru ghall-Politika Socjali biex tkun deciza mit-Tribunal Industrijali.

**5. Lista tax-xhieda**

5.1 Raymond Bartolo, Victor Cini, Raymond Miller u John Sullivan xehdu ghall-kumpanija rikorrenti.

5.2 Raymond Azzopardi, Charles Agius, Michael Cachia u Henry Cutajar xehdu ghall-Union intimata.

## 6. Lista ta' dokumenti

6.1 Il-kumpanija rikorrenti esebiet kopja ta':

6.1.1 It-termini ta' riferenza mibghuta lill-Ministru ghall-Politika Socjali li kienu jinkludu:

6.1.1.1 Annex "D".
6.1.1.2 Side letter datata 16.07.07 dwar *redundancies.*
6.1.1.3 Side letter datata 16.07.07 dwar hlas ta' *bonus.*

6.1.2 Dokument bit-titlu *Harbour Tug Manning Requirements.*

6.1.3 Numru ta' *Minimum Safe Manning Documents* numerati, 003711, 003712, 003713, 003716, 003717, 003718 u 004093.

6.1.4 Ittra datata 16.02.11 li kienet tinkludi hames dokumenti mmarkati Dok.A, Dok.B, Dok.C, Dok.D u Dok.E

6.2 Il-Union intimata esebiet kopja ta'

6.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz.

6.2.2 Ritratt ta' vapur ibahhar fil-maltemp, immarkat Dok.RA.

6.2.3 Avviz lill-haddiema mahrug minn Charles Agius f'isem it-Taqsima Marittima u Avjazzjoni tal-*General Workers' Union* li kien twahhal ximkien fil-post tax-xoghol, immarkat Dok.CA.

## 7. Gabra fil-qosor tax-xhieda

7.1 **Charles Agius,** Segretarju tat-Taqsma Marittima u Avjazzjoni tal-General Workers' Union, stqarr li hu ha sehem fin-negozjati dwar l-ahhar ftehim kollettiv mal-kumpanija rikorrenti. Muri d-dokument bit-titlu Annex "D" esebit mill-kumpanija rikorrenti mad-dikjarazzjoni tal-kaz, u b'riferenza ghall-artiklu 2 f'pagna 1 ta' l-istess dokument, ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu u zied jghid li kienu saru diskussjonijiet dwar l-ekwipagg fil-futur, izda mhux ftehim. Ix-xhud spjega li l-Union kellha r-rizervi taghha dwar it-tnaqqis fl-ekwipagg kif miktub fid-dokument in kwistjoni. Ix-xhud zied jghid li minkejja li ma saret ebda kundizzjoni miktuba, l-uniku ftehim li kien hemm kien, li meta jasal iz-zmien ta' ftehim iehor jergghu jsiru diskussjonijiet dwar l-ekwipagg. Ix-xhud kompla li madwar sena u nofs ilu kien hareg avviz lill-impjegati biex jikkonferma li t-Taqsima ma kellha ebda ftehim mal-kumpanija intimata dwar tnaqqis ghall-tliet persuni fl-ekwipaggi. Mistoqsi jekk l-avviz inghatax ukoll lill-kumpanija rikorrenti x-xhud stqarr li ma setax jiftakar. Ix-xhud ikkonferma li ghalkemm l-abbozz tal-ftehim kollettiv kien f'idejh tliet gimghat qabel l-iffirmar, hu ma fliehx kelma b'kelma u qatt ma ghamel proposta jew talba biex tinbidel

xi parti minnu. Zied jghid li kieku r-rapprezentanti tal-Union qaghdu aktar attenti ghal dak li kien hemm miktub, kienu jitolbu biex tinbidel il-parti fil-ftehim li wasslet ghal din it-tilwima. Ix-xhud kompla li f'dan il-ftehim kollettiv is-suggetti ewlenin li l-Union riedet thares kienu: is-sigurta' ta' l-impiegi, titjib fil-pagi u hlas addizzjonali biex jaghmel tajjeb ghaz-zidiet ta' l-gholi tal-hajja.

7.2 **Raymond Azzopardi,** impjegat fil-kariga ta' Kaptan mal-kumpanija rikorrenti, stqarr li hu u l-membri kollha tal-*Group Committee* saru jafu bil-provvediment ta' l-artiklu li jirregola t-tnaqqis minn erba' persuni ghal tlieta fl-ekwipaggi li jidrhu f'appendici D tal-ftehim kollettiv wara li dan kien iffirmat. Ix-xhud kompla li l-allokazzjoni ta' persuna wahda fil-kariga ta' *General Purpose Hand* f'kull ekwipagg waqt operazzjoni ta' rmunkar m'hijex bizzejjed ghaliex f'kazi ta' xi incident ma jkun hemm hadd li jista' jghin, u kompla jiddeskrivi incident biex isahhah il-konvinzjoni tieghu dwar dan. Ix-xhud spjega li minhabba li f'Malta l-irbit ghall-irmonk mhuwiex ristrett ghal gewwa l-portijiet Maltin, ix-xoghol ma jistax jitqabbel ma' portijiet ohra, bhal dak ta' Genova fejn l-irbit isir dejjem fil-port. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi kkonferma li ghalkemm ix-xoghol jista' jsir b'ekwipagg ta' tliet presuni, *General Purpose Hand* iehor hu mehtieg minhabba s-sigurta'.

7.3 **,Raymond Bartolo,** impjegat fil-kariga ta' *Fleet Superintendent,* stqarr li fost affarijiet ohra hu responsabbli mill-aspett tekniku ta' l-operat tal-vapuri tal-kumpanija rikorrenti, u xoghlu jinkludi wkoll decizjonijiet rigwardanti n-numru ta' persuni ghal kull ekwipagg. Ix-xhud ikkonferma li hu l-awtur tad-dokument datat 08.04.10 bit-titlu *Harbour Tugs Manning Requirements* esebit mill-kumpanija rikorrenti waqt is-smigh tal-kaz. |ied jghid li hu beda fl-impieg mal-kumpanija rikorrenti fl-1989 u serva kemm fuq il-vapuri kif ukoll fuq l-art. Ix-xhud spjega li fl-1981 inxtara l-ewwel vapur *omni-directional* li kien strumentali biex isir tibdil fil-prattika tax-xoghol u l-mod kif ikunu moqdija l-klijenti. Ix-xhud iddeskriva l-vantaggi li rrizultaw mill-mod kif ikunu kontrollati l-magni tal-vapuri u l-mezzi ta' komunika abbord. |ied jghid li dan it-tibdil, flimkien ma' zviluppi ohra fit-taghmir ancillarju, gab tibdil fl-attivitajiet li kienu jsiru mill-bahrin, li wasslu ghal tnaqqis fin-numru ta' *General Purpose Hands* waqt xoghol ta' rmonk. Ix-xhud spjega li qabel ma kien deciz it-tnaqqis ta' persuni ghal kull ekwipagg hu kien studja dokumenti ta' *risk assessments* li saru zmien qabel minn kumpaniji barranin li jhaddmu vapuri bhal dawk tal-kumpanija rikorrent,i u kkonferma li l-vapuri li ghandha l-kumpanija rikorrenti jistghu jithaddmu minghajr periklu minn ekwipagg ta' tliet persuni maghmula minn Kaptan, *Engineer* u *General Purpose Hand.* Ix-xhud zied jghid li llum hemm kumpaniji resqin lejn ekwipagg ta' zewg persuni. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu bil-konferma li l-izviluppi teknologici kollha li semma ddahhlu kollha qabel ma kien negozjat il-ftehim kollettiv precedenti.

7.4 **Michael Cachia,** impjegat mal-kumpanija rikorrenti fil-kariga ta' *General Purpose Hand* ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena, stqarr li hu ma kellux bzonn ta' tahrig ghaliex kien ghamel l-istess tahrig zmien qabel. Ix-xhud spjega li m'hemmx tahrig biex in-numru ta' *General Purpose Hands* fl'ekwipaggi jonqos minn tnejn ghal wiehed. Ix-xhud iddeskriva l-avvenimenti ta' incident fejn qal li, kieku ma kienx hemm zewg *General Purpose Hands* fl-ekwipagg, kien iwegga' dak li kien ikun wahdu. Ix-xhud temm ix-xhieda bil-fehma tieghu li hadd ma jista' jorbot ma' *recess bollard* wahdu.

7.5 **Victor Cini,** impjegat fil-kariga ta' *Port Officer* ma' l-Awtorita' Maltija dwar it-Trasport, muri c-certifikati kollha bit-titlu *Minimum Safe Manning Document* esebiti mill-kumpanija rikorrenti waqt is-smigh tal-kaz, ikkonferma li kollha kienu nhargu mill-Awtorita' Maltija dwar it-Trasport u ghadhom validi. Ix-xhud zied jghid li t-talba lill-Awtorita' Maltija dwar it-Trasport biex l-ekwipaggi jonqsu minn erbgha ghal tlieta saret mill-kumpanija rikorrenti, u l-Awtorita' studjat it-talba fuq firxa ta' bejn tlieta w erba' snin. Zied jispjega l-kunsiderazzjonijiet kollha li diversi ufficjali ta' l-istess Awtorita' jaghtu biex jinhargu c-certifikati ta' *Minimum Safe Manning Document*, fosthom diskussjonijiet dettaljati ma' rapprezentanti ta' l-Operatur li kienu jinkludu zewg Kaptani tal-bahar, certifikati mahruga minn *Marine Surveyors* u *Classification Societies* flimkien ma' taghrif miksub minghand l-Operatur tal-vapuri u dokumenti regolatorji u linji gwida ppubblikati minn entitajiet nazzjonali barranin li ghandhom esperjenza valida fix-xoghol in kwistjoni. Ix-xhud spjega li t-teknologija wzata fil-vapuri certfikati li jahdmu b'ekwipagg ta' tliet persuni tippermetti li waqt operazzjonijiet ta' rmunkar l-*Engineer* ikun jahdem fuq il-gverta u mistenni jghin lill-*General Purpose Hand* kif ikun mehtieg. Meta kienet akkordata t-talba, din tkopri operazzjonijiet fil-portijiet u l-ibhra territorjali Maltin.

7.6 **Henry Cutajar,** impjegat ghal dawn l-ahhar tmien snin mal-kumpanija rikorrenti, l-ahhar sena u erba' xhur minnhom fil-kariga ta' Kaptan, stqarr li qabel l-ahhar ftehim kollettiv l-ekwipagg fuq il-vapuri kollha tal-kumpanija rikorrenti kien ta' hames persuni. Ix-xhud kompla jghid li meta fl-imghoddi kien jokkupa l-kariga ta' *General Purpose Hand* inghata tahrig fuq il-vapuri *omni-directional,* izda dan ma kellux rilevanza mat-tnaqqis fl-ekwipagg. It-tahrig kompla matul iz-zmien meta kienu qeghdin isiru negozjati dwar il-ftehim kollettiv. Ix-xhud spjega li jekk jonqos *General Purpose Hand* mit-tnejn ezistenti f'kull ekwipagg, jirrizulta dewmien fl-irbit u dan id-dewmien jaffettwa hazin l-operazzjoni ta' rmonk li tkun qieghda ssir. Ix-xhud ikkonferma li m'hemmx htiega ta' tahrig biex jonqos *General Purpose Hand* minn kull ekwipagg, ghaliex il-kwistjoni hi relatata biss ma' sigurezza ghall-impjegati u l-operat. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi kkonferma li d-decizjoni ahharija jekk vapur isalpax biex jopera jew le hi biss tal-kaptan.

7.7 **John Sullivan**, Chairman tal-kumpanija rikorrenti, iddeskriva l-esperjenza tieghu f'diversi attivitajiet u livelli fix-xoghol ta' l-irmunkar marittimu. Ix-xhud spjega li fl-imghoddi sa l-1990 il-kumpaniji precedenti u l-kumpanija rikorrenti kienu joperaw vapuri konvenzjonali bi skrun wiehed jew b'zewg skrejjen, b'taghmir ancillarju tqil u rigidu ghall-gbid u b'ekwipagg ta' seba' persuni. Wara l-1990 il-kumpanija ta' dak iz-zmien bdiet timmodernizza l-vapuri u t-taghmir ghall-gbid, u fl-istess waqt bis-sahha ta' zviluppi tekonologici u titjib fil-prattici beda jitnaqqas in-numru ta' persuni ta' kull ekwipagg. Ftit zmien qabel l-2006, il-Gvern iddecieda li jipprivatizza l-kumpanija li flimkien mal-wasla ta' vapuri moderni holqu thassib fost l-impjegati rigwardanti s-sigurta' ta' l-impieg taghhom. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkustanzi, il-kumpanija rikorrenti bdiet negozjati mar-rapprezentanti ta' l-impjegati li wasslu ghal ftehim li t-tnaqqis fl-impiegi li kien ser jirrizulta jsir biss permezz ta' tnaqqis naturali fuq medda ta' ghaxar snin, izda bil-kundizzjoni li t-tnaqqis miftiehem fl-ekwipaggi li kien ga nbeda, ikompli jkun segwit wara l-01.01.10. Meta waslet id-data ta'

01.01.10 inqalghet tilwima industrijali li wasslet lill-kumpanija rikorrenti tirreferi l-kaz lill-Ministru ghall-Politika Socjali biex din tkun deciza mit-Tribunal Industrijali. Ix-xhud ikkonferma li l-vapuri kollha tal-kumpanija rikorrenti huma kollha certifikati mill-Awtorita' Maltija dwar it-Trasport biex jahdmu fil-Portijiet u fl-ibhra Territorjali Maltin b'ekwipagg konformi ma' dak miftiehem f'Appendici D tal-ftehim kollettiv. Ix-xhud zied jghid li jirrizulta minn sondagg li ghamlet il-kumpanija rikorrenti wara li nqalghet it-tilwima li n-numru ta' persuni f'kull ekwipagg miftehem jaqblu ma' dawk f'kull ekwipagg li jhaddmu vapuri simili fil-Portijiet u l-ibhra territorjali f'mhux anqas minn erbghin port fi hdax-il pajjiz Ewropew. Ix-xhud temm jghid li l-unika kundizzjoni li kien hemm kienet li qabel l-introduzzjoni ta' l-ahhar tnaqqis, il-kumpanija kienet obbligata li torganizza t-tahrig mehtieg.

## 8. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

8.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Andrew Borg Cardona f'isem il-kumpanija rikorrenti argumenta li:

8.1.1 Il-kaz jirrivolvi madwar l-interpretazzjoni ta' l-ahhar paragrafu ta' Annex "D".

8.1.2 Il-kumpanija rikorrenti segwiet l-obbligi kollha taghha li jidhru fl-Annex "D", u dan jirrizulta kemm mid-dokumenti esebiti fuq talba tat-Tribunal Industrijali kif ukoll mill-istess xhieda tal-Union intimata.

8.1.3 Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Union intimata li m'hemmx htiega ta' tahrig specifiku biex il-persuni fil-grad ta' *General Purpose Hands* fl-ekwipaggi jonqsu minn tlieta ghal tnejn fuq vapuri konvenzjonali u minn tnejn ghal wiehed fuq vapuri *omni-directional*. Ghalkemm hu hekk, il-kumpanija rikorrenti segwiet programm ta' tahrig kontinwu.

8.1.4 Il-hrug ta' certifikati dwar l-anqas numru ta' persuni fl-ekwipaggi sar wara stharrig ezawjrenti u jaqbel ma' livelli internazzjonali fi kwalita' ta' attivitajiet li jixbhu lil dawk f'Malta.

8.1.5 Bis-sahha ta' *side lette*r li tassigura sigurta' fin-numru ta' impjegati ghal ghaxar snin, it-tnaqqis fl-ekwipaggi ma jipperikolax l-impiegi fil-kumpanija rikorrenti.

8.1.6 Ghalkemm il-Union intimata mhix l-istess Union li nnegozjat u ffirmat il-ftehim kollettiv, li jinkludi wkoll l-Annex "D", xorta wahda din hi marbuta bl-istess ftehim.

8.1.7 Ghalkemm fil-paragrafu 2(v) ta' Annex "D" intuzat il-frazi *"it is the intention of the parties"* minflok dik *"it is agreed*", dak li jsegwi fl-istess paragrafu, bhalma huma d-data tas-sehh, it-tibdil fin-numru ta' persuni ghall-ekwipaggi, il-fatt li l-intenzjoni kienet taz-zewg partijiet u mhux tal-kumpanija rikorrenti biss, u wkoll l-ghazla tad-dicitura bil-kelma *shall* minflok *may,* jindika car li kien hemm ftehim u mhux biss hsieb.

8.1.8 Ma jistax jinghad li l-ftehim hu vigenti biss f'dak kollu li fih minbarra dak li hemm miktub fl-artiklu in kwistjoni f'Annex "D". Il-vigenza hi ghall-ftehim kollu.

8.1.9 Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jiddeciedi favur it-termini ta' riferenza tal-kumpanija rikorrenti.

8.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Robert Abela f'isem il-Malta Dockers' Union argumenta li:

8.2.1 L-argumenti tal-Union intimata dwar sigurezza u tahrig mhumiex kardinali ghar-rizoluzzjoni tat-tilwima, izda huma mahsuba biex jikkonvincu lit-Tribunal Industrijali li t-talba taghha mhix wahda fiergha.

8.2.2 Ix-xhieda tal-kumpanija rikorrenti li t-tahrig kundizzjonali sar m'hijiex kontestata, izda ghandu jinghad li jsir kemm isir tahrig it-tnaqqis ta' *General Purpose Hand* fil-kaz ta' vapuri *omni-directional* jista' f'certi kundizzjonijiet ta' bahar jipperikola s-sigurezza ta' l-ekwipaggi.

8.2.3 Il-punt li jirrizulta mit-termini ta' riferenza mibghuta lill-Ministru ghall-Politika Socjali u li jrid ikun deciz mit-Tribunal Industrijali hu jekk il-ftehim kollettiv jippermettix lill-kumpanija rikorrenti tnaqqas l-ekwipaggi ghan-numri li jidhru f'artiklu 2(v) ta' Annex "D".

8.2.4 Id-dicitura wzata fl-artiklu 2(v) ta' Annex "D" turi li kien hemm hsieb biss dwar x'ghandu jsir, u dan ma jammontax ghal ftehim.

8.2.5 Il-Union intimata la nnegozjat u lanqas ma ffirmat il-ftehim kollettiv, u dan ifisser li ghalkemm kienet obbligata li tonora l-ftehim matul iz-zmien miftiehem, m'ghandhiex l-istess obbligu wara li z-zmien miftiehem jiskadi.

8.2.6 L-ghazla tal-frazi *"it is the intention of the parties"* intuzat ghaliex iz-zewg partijiet fehmu li ma setghux jintrabtu ghal zmien wara li jiskadi l-ftehim, u qabbel dan l-argument ma' kif jagixxu partiti politici f'kaz tal-programmi elettorali.

8.2.7 Ghalkemm il-kumpanija rikorrenti setghet targumenta li bis-sahha tac-certfikati li ghandha dwar l-operat tal-vapuri tista' thaddem il-vapuri b'ekwipaggi mnaqqsa, dan ma ghamlitux, u t-Tribunal Industrijali hu marbut jillimita ruhu ghal dak mitlub mill-kumpanija rikorrenti fit-termini ta' riferenza.

8.2.8 Bid-decizjoni tieghu it-Tribunal Industrijali ser johloq precedent, ghaliex ser jiddeciedi jekk waqt negozjati bejn partijiet jistax ikun hemm qbil dwar intenzjoni li torbot wara l-iskadenza tal-ftehim kollettiv.

**9. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

9.1 F'kaz ta' tilwima tax-xoghol, id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali trid tkun konformi mat-termini ta' riferenza mibghuta lilu mill-Ministru responsabbli. Ghalhekk kif argumenta l-Avukat Robert Abela f'isem il-Union intimata it-Tribunal Industrijali llimita l-kunsiderazzjonijiet tieghu biex jasal ghal decizjoni li taghti tifsira korretta ta' dak li hemm miktub fl-artiklu 2 ta' Annex "D" li dwaru nqalghet din it-tilwima industrjali.

9.2 Qabel ma jasal ghall-kunsiderazzjonijiet tieghu dwar il-provi taz-zewg partijiet, it-Tribunal Industrijali jifhem li jkun opportun li jafferma l-principji li jsegwu rigwardanti ftehim kollettiv, u li huma maghrufa, mhaddna u meqjusa mis-siehba socjali bhala essenzjali biex jinbnew u jinzammu relazzjonijiet industrijali tajbin bejn Principal u Trade Union:

- Il-Principal u l-Union firmatarji ta' ftehim kollettiv jintrabtu bil-provvedimenti tal-ftehim kollettiv f'isem l-impjegati kollha li ghalihom jghodd il-ftehim, kemm jekk dawn ikunu membri tal-Union maghrufa u kemm jekk le.

- Bhalma fil-kaz fejn il-Principal firmatarju ta' ftehim kollettiv, meta jinbidel, il-Principal li jissosstitwieh ikun marbut statutorjament li jhaddem il-provvedimenti kollha tal-ftehim kollettiv li jiret, hekk ukoll fil-kaz fejn il-Union firmatarja ta' ftehim kollettiv meta tinbidel, il-Union li tissosstitwiha tkun marbuta statutorjament li thaddem il-provvedimenti kollha tal-ftehim kollettiv li tiret.

- Iz-zmien ta' validita' fi ftehim kollettiv bejn zewg partijiet mhuwiex mahsub biex appena tiskatta d-data miftehma tat-tmiem, tintemm l-applikazzjoni tal-provvedimenti li jkun fih. Id-data tat-tmiem taghti dritt liz-zewg partijiet li jekk ihossu l-htiega jirrevedu jew jergghu jikkonfermaw dak kollu jew parti minn dak li ftehmu dwaru zmien qabel.

- Dan kollu hu essenzjali biex ikun hemm stabbilita' fil-kamp industrijali. Naturalment wara li tiskadi d-data tat-tmiem kollox hu negozzjabbli, izda dak li kien miftiehem ikompli jghodd sakemm jintlahaq ftehim kollettiv iehor.

9.3 Fis-sub artiklu 2(iii)(a) ta' Annex "D", li dwar l-interpretazzjoni tieghu hemm ftehim bejn iz-zewg partijiet hemm miftiehem li l-ekwipaggi li jissemmew f'artiklu 2 fl-istess Annex "D" ghandhom jintlahqu fuq numru ta' snin b'mezzi li jeskludu biss tnaqqis fl-impiegi li jistghu jsiru kif jidher fl-istess ftehim.

9.4 Fis-sub artiklu 2(iv) ta' Annex "D", li dwar l-interpretazzjoni tieghu ukoll hemm ftehim bejn iz-zewg partijiet, hemm miktub li jekk jinxtraw vapuri ta' ghamla ohra jew taghmir differenti jew addizzjonali ma' dawk ezistenti, l-operat ikun deciz wara konsultazzjoni effettiva mal-Union. Din id-dicitura teskludi li dan irid isir bi ftehim mal-Union.

9.5 L-ewwel paragrafu tas-sub artiklu 2(v), li dwar l-interpretazzjoni tieghu ukoll hemm ftehim bejn iz-zewg partijiet, jobbliga lill-kumpanija rikorrenti li torganizza korsijiet ta' familjarizzazzjoni biex il-vapuri *omni-directional* jithaddmu b'ekwipagg ta' tliet persuni u dawk konvenzjonali b'erba' persuni. Jirrizulta mill-provi mhux kontestati mill-Union intimata li dan l-obbligu kien segwit mill-kumpanija rikorrenti.

9.6 Fit-tieni paragrafu ta' l-istess sub artiklu, li dwaru hemm nuqqas ta' ftehim, hemm miktub li l-intenzjoni taz-zewg partijiet hi li mill-istess data li kien mistenni jibda l-effett ta' ftehim kollettiv gdid, dik ta' l-01.01.10, in-numru ta' persuni fl-ekwipaggi jonqsu minn erbgha ghal tlieta fuq vapuri *omni-directional*, u minn hamsa ghal erbgha fuq vapuri konvenzjonali. Mhux il-kliem tessattiv wahdu miktub f'dan il-paragrafu ta' artiklu 2(v) jghin ghall-interpretazzjoni korretta ta' dan il-ftehim, izda wkoll il-kontenut ta' dak li hemm miftiehem fl-artiklu 2(iii)(a).

9.7 Il-ftehim kollettiv li jinkludi Annex "D" kien iffirmat nhar id-09.07.07. F'din id-data t-tnaqqis fl-ekwipaggi li dwaru nqalet it-tilwima, ma setax jiddahhal fis-sehh immedjatament, ghaliex l-ewwel tliet certifikati statutorji maghrufa bhala *Minimum Safe Manning Document* ghall-vapuri *omni-directional* inhargu nhar it-23.09.08, aktar minn erbatax-il xahar wara. Nhar id-09.07.07 l-aspett futuristiku ta' aktar tnaqqis fl-ekwipaggi minn dak li sar qabel, kien

kundizzjonat biss bil-kisba ta' dawn ic-certifikati u mhux bi htiega ta' aktar negozjati. La jirrizulta mid-dokumenti u lanqas mix-xhieda *viva voce* tal-partijiet li t-tnaqqis fl-ekwipaggi li jidher fit-tieni paragrafu tas-sub artiklu 2(v) kien b'xi mod kundizzjonat bi htiega ta' negozjati godda dwar is-suggett.

## 9 Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda, id-dokumenti, u t-trattazzjonijiet, jaqta' u jiddeciedi li l-provvedimenti tas-sub artikli 2(iii)(a) moqrija flimkien ma dawk tas-sub artiklu 2(v) fl-istess artiklu 2 ta' Annex "D" jammontaw ghal ftehim li jippermetti lill-kumpanija rikorrenti li topera l-vapuri *omni-directional* ezistenti kollha skond kif jippermettu c-certifikati statutorji rilevanti.

B'hekk tintemm din it-tilwima tax-xoghol.

Ghall-fini tat-taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).

| **A. DEGIOVANNI**<br>**Chairman** | **P.ABELA**<br>**Membru** | **J. FARRUGIA**<br>**Membru** |
|---|---|---|